Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2386

10.9.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2386

tas-6 ta' Settembru 2024

li tagħti derogi lil ċerti Stati Membri rigward it-trażmissjoni tal-istatistika relatata mal-input u l-output agrikoli skont ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1538 u (UE) 2023/1579

(notifikata bid-dokument C(2024) 6243)

(It-testi bil-Ġermaniż, bil-Grieg u bis-Sloven biss huma awtentiċi)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2022/2379 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 dwar l-istatistika dwar l-input u l-output agrikoli, li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 617/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1165/2008, (KE) Nru 543/2009 u (KE) Nru 1185/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16(1), l-ewwel subparagrafu tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ("il-Ġermanja"), ir-Repubblika Ellenika ("il-Greċja"), ir-Repubblika ta' Ċipru ("Ċipru"), ir-Repubblika tal-Awstrija ("l-Awstrija") u r-Repubblika tas-Slovenja ("is-Slovenja") issottomettew talbiet biex jingħataw derogi temporanji, skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2022/2379, fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1538 ([2]) u (UE) 2023/1579 ([3]), sabiex ikun hemm aktar żmien biex jikkonformaw mar-rekwiżiti l-ġodda tal-istatistika skont ir-Regolament (UE) 2022/2379 jew mal-miżuri ta' implimentazzjoni jew delegati tiegħu.

(2) F'konformità mal-informazzjoni provduta f'dawk it-talbiet, il-Kummissjoni jidhrilha li huma meħtieġa adattamenti maġġuri għas-sistemi nazzjonali tal-istatistika tal-Istati Membri konċernati. Id-derogi mitluba huma għalhekk ġustifikati u għandhom jingħataw lill-Ġermanja, lill-Greċja, lil Ċipru, lill-Awstrija u lis-Slovenja.

(3) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-derogi mir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1538 u (UE) 2023/1579 stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandhom jingħataw lill-Istati Membri elenkati fih għall-perjodi ta' referenza rispettivi elenkati fih.

([1]) ĠU L 315, 7.12.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2379/oj.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1538 tal-25 ta' Lulju 2023 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2022/2379 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istatistika dwar il-produzzjoni tal-għelejjel (ĠU L 187, 26.7.2023, p. 40, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1538/oj.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1579 tal-31 ta' Lulju 2023 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2022/2379 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istatistika dwar il-prezzijiet agrikoli (ĠU L 193, 1.8.2023, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1579/oj.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, lir-Repubblika Ellenika, lir-Repubblika ta' Ċipru, lir-Repubblika tal-Awstrija u lir-Repubblika tas-Slovenja.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Settembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Paolo GENTILONI
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

1. **Il-Ġermanja**

Regolament	Sett(ijiet) ta' *data* konċernat(i)	Deskrizzjoni tad-deroga	Perjodu/i ta' referenza kopert(i) b'deroga	Meta ssir l-ewwel trażmissjoni konformi
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1538 dwar l-istatistika tal-produzzjoni tal-għelejjel	Erja u produzzjoni tal-għelejjel i.3 Għelejjel permanenti	Deroga għat-trażmissjoni tal-varjabbli dwar: Erja ta' produzzjoni organika ċertifikata ta' għeneb u għeneb għall-inbid Produzzjoni organika ċċertifikata maħsuda ta' għeneb u għeneb għall-inbid	2025-2027	Settembru 2029

2. **Il-Greċja**

Regolament	Sett(ijiet) ta' *data* konċernat(i)	Deskrizzjoni tad-deroga	Perjodu/i ta' referenza kopert(i) b'deroga	Meta ssir l-ewwel trażmissjoni konformi
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1538 dwar l-istatistika tal-produzzjoni tal-għelejjel	Artijiet bil-ħaxix iii.1 Ġestjoni tal-erjas tar-raġħa	Deroga għat-trażmissjoni tal-varjabbli	2026	Settembru 2031

3. **Ċipru**

Regolament	Sett(ijiet) ta' *data* konċernat(i)	Deskrizzjoni tad-deroga	Perjodu/i ta' referenza kopert(i) b'deroga	Meta ssir l-ewwel trażmissjoni konformi
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1538 dwar l-istatistika tal-produzzjoni tal-għelejjel	Erja u produzzjoni tal-għelejjel i.1 Għelejjel li jinħartu u art bil-ħaxix permanenti	Deroga għat-trażmissjoni tal-varjabbli tal-produzzjoni ta': Art bil-ħaxix permanenti Bwar u mergħa permanenti, eskluż raġħi mhux ikkultivati Raġħi permanenti mhux ikkultivati	2025-2026	Settembru 2028

	Bilanċi tal-għelejjel ii.1 Bilanċi taċ-ċereali ii.2 Bilanċi taż-żrieragħ żejtnin	Deroga għat-trażmissjoni tal-varjabbli	2025-2027	Ġunju 2030
	Artijiet bil-ħaxix iii.1 Ġestjoni tal-erjas tar-ragħa	Deroga għat-trażmissjoni tal-varjabbli	2026	Settembru 2031
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1579 dwar l-istatistika dwar il-prezzijiet agrikoli	Prezzijiet u kirjiet tal-art agrikola iii.1 Prezzijiet tal-art agrikola iii.2 Kirjiet tal-art agrikola	Deroga għat-trażmissjoni tal-varjabbli	2025-2027	Settembru 2029

4. **L-Awstrija**

Regolament	Sett(ijiet) ta' *data* konċernat(i)	Deskrizzjoni tad-deroga	Perjodu/i ta' referenza kopert(i) b'deroga	Meta ssir l-ewwel trażmissjoni konformi
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1579 dwar l-istatistika dwar il-prezzijiet agrikoli	Prezzijiet tal-input assoluti ii.1 Fertilizzanti ii.2 Għalf ii.3 Enerġija	Deroga għat-trażmissjoni tal-varjabbli	2025-2026	Mejju 2028

5. **Is-Slovenja**

Regolament	Sett(ijiet) ta' *data* konċernat(i)	Deskrizzjoni tad-deroga	Perjodu/i ta' referenza kopert(i) b'deroga	Meta ssir l-ewwel trażmissjoni konformi
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1538 dwar l-istatistika tal-produzzjoni tal-għelejjel	Artijiet bil-ħaxix iii.1 Ġestjoni tal-erjas tar-ragħa	Deroga għat-trażmissjoni tal-varjabbli	2026	Settembru 2031
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1579 dwar l-istatistika dwar il-prezzijiet agrikoli	Prezzijiet tal-input assoluti ii.3 Enerġija	Deroga għat-trażmissjoni tal-varjabbli: Elettriku	2025-2027	Settembru 2029